**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 25 ta' Mejju 2017**

Rikors Guramentat Nru. 229 / 14RGM

Kawza fil-lista: 24

**A B f'ismu proprju**
**u bhala kuratur 'ad litem' tal-minuri Jay Jay B**
**vs**
**D B nee' E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata fit-18 ta' Dicembru, 2009 u dana kif jirrizulta car mic-certifikat taz-zwieg;

2. Illi minn din ir-relazzjoni bejn il-partijiet twieled iben wiehed li jismu C skont ma jirrizulta car mic-certifikat tat-twelid, u liema iben llum ghandu sitt snin u jinsab illum fil-kura u l-kustodja tal-esponenti u mrobbi esklussivament mill-esponenti bil-ghajnuna ta' ommu;

3. Illi l-esponenti flimkien ma' ommu ilhom ghal dawn l-ahhar snin jiehdu hsieb il-bzonnijiet kollha tal-istess iben minuri sabiex tali minuri jitrabba fl-imhabba li tixraqlu u minghajr ma jkun jonqsu xejn anke mill-aspett finanzjarju u dana minghajr ebda ghajnuna jew kontribut iehor da parti tal-intimata;

4. Illi l-intimata rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, ingurji gravi, sevizzi u eccessi fil-konfront tal-esponenti u tal-iben minuri tant illi ghamlet diversi xhur barra minn Malta u/jew minghajr hadd ma jaf fejn qieghda, minghajr ma zammet ebda kuntatt sahansitra ma' binha stess u kien biss matul l-istadju tal-medjazzjoni li, fuq insistenza tal-esponenti u tal-medjatrici, regghet bdiet tiltaqa' mal-minuri fil-presenza tal-esponenti u anke f'dan ir-rigward kien hemm drabi li sahansitra lanqas ma ezercirat id-dritt taghha ta' access kif miftiehem bejn il-partijiet u dana minghajr ebda gustifikazzjoni. Aktar ricentement l-istess intimata sahansitra ma baqghetx tezercita l-access ghal-binha dana wkoll minghajr ma offriet qatt ebda gustifikazzjoni.

5. Illi l-intimata sahansitra ghandha traskorsi xejn felici ghal dak li ghandu x'jaqsam it-trobbija tal-ewwel iben taghha, ukoll minn terzi, fejn sahansitra il-kaz taghha kien gie rappurtat fuq il-mezzi tax-xandir.

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premessi sureferiti iz-zwieg tfarrak irrimedjabilment tant illi il-partijiet qeghdin jghixu separatament.

7. Illi l-partijiet m'ghandhomx pretensjonijiet fil-konfront ta' xulxin fir-rigward ta' manteniment u dan ghaliex kull parti tahdem u tinsab tghix bil-mezzi taghha.

8. Illi lanqas ma tista' l-intimata tavvanza ebda pretensjoni rigward manteniment tenut kont tad-dekadenza taghha minn tali dritt skont il-ligi u wkoll in vista tar-relazzjoni taghha ma' terzi.

9. Illi l-partijiet m'ghandhomx proprjeta' ta' valur in komuni u dana peress li huma ivvakaw id-dar matrimonjali li kienet qed tigi mikrija lilhom sabiex prezentement jinsabu jghixu ghal rashom u kull parti hadet dawk l-oggetti taghha parafernali u/jew personali hekk kif infirdu 'de facto' minn xulxin.

10. Illi minkejja li l-esponenti talab lill-intimata sabiex jifformalizzaw il-firda personali taghhom skont il-ligi, l-intimata minghajr ebda gustifikazzjoni irrifjutat li taghmel dan.

11. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet Numru 2096/14 datat 6 ta' Ottubru, 2014.

Ghaldaqstant tghid l-istess intimata ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex aktar possibbli ghaliex z-zwieg tkisser irrimedjabilment kif ukoll minhabba l-eccessi, sevizzi, ingurji gravi u l-adulterju tal-intimata u/jew ghal ragunijiet ohrajn li huwa attribwibbli esklussivament ghall-istess intimata;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimata iddekadiet mid-dritt taghha ghall-manteniment u/jew li, fi kwalunkwe kaz m'ghandha l-ebda dritt ghall-manteniment taghha minghand ir-rikorrenti;

3. Tapplika fil-konfront tal-intimata is-sanzjonijiet kontemplati mill-Art. 48 sa 53 tal-Kodici Civili;

4. Tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dana, jekk ikun hemm bzonn u minghajr ebda pregudizzju ghat-tielet talba, billi tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'porzjonijiet li jigu assenjati lill-partijiet rispettivi jew min minnhom, okkorrendo billi jigi nominat perit sabiex jillikwida l-istess komunjoni u nutar sabiex jircievi l-att opportun u kuratur sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

5. Tassenja il-kura u l-kustodja tal-minuri C esklussivament lill-esponenti salv access favur l-intimata skont l-ahjar interess tal-minuri liema dritt ta' access ghandu jkun wiehed limitat u taht sorveljanza;

6. Tiffissa retta alimentarja ghall-minuri imsemmi u tordna lill-intimata thallas dik ir-retta hekk stabbilita, flimkien ma ziediet perjodtici ghall-gholi tal-hajja u tordna li din ir-retta tithallas direttament minn kull paga jew dhul percepibbli mill-istess intimata.

Bl-ispejjez, inkluz kontra l-istess intimata liema intimata tinsab minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament il-gudizzju mhux integru u dan billi r-rikorrent halla barra mill-kawza lil bintu minuri Michelle B ta' anqas minn sena;

2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghal dak imsemmi qabel dan z-zwieg tkisser minhabba ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti, l-intimata ma kinitx tahti ghat-tkissir taz-zwieg;

3. Illi l-intimata ma kkommettitx ebda att ta' sevizzi, eccessi, offizi u adulterju fil-konfront ta' r-rikorrent anzi kien hu li kkommetta dawn l-atti tant li ilu iktar minn sentejn f' relazzjoni ma' Tania Chvileva mill-Ukraina li qed jghix maghha l-Mellieha;

4. Illi r-rikorent abbanduna il-hajja matrimonjali zmien ilu u qatt ma ried responsabilitajiet matrimonjali sabiex jasal ghall-bzonnijiet egojistici tieghu, tant li zmien ilu ghamel pjan shih ta' kif jinqata' mill-hajja matrimonjali;

5. Illi l-esponenti m' ghandhiex xoghol;

6. Illi l-minuri C bhalissa qieghed mar-rikorrenti u dan billi qed icahhad lil-esponenti minnu;

7. Illi r-rikorent huwa fil-karattru tieghu, dominanti u jimmanipulha u fil-fatt qed juza' hafna skuzi biex hu biss jiehu hsieb lil ibnu meta dan mhux minnu u l-esponenti dejjem hadmet fl-interess tal-familja;

8. Illi r-rikorrent mhux qed ihallas xejn lill-esponenti manteniment ghalija u ghal binthom Michelle B.

Rat id-dokumenti pprezentati mar-rikors guramentat tal-attur.

Ra n-nota tal-attur tat-18 ta' Dicembru 2014 a fol 22 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess flimkien ma' dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-attur tat-18 ta' Dicembru 2014 a fol 34 li permezz taghha esebixxa kopja legali tal-medjazzjoni fl-ismijiet premessi.

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea pprezentat fil-25 ta' Mejju 2015 (fol 128).

Rat in-nota tal-konvenuta tas-27 ta' Jannar 2016 (fol 150) li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess, flimkien mad-dokumenti annessi.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Marzu 2016 li permezz tieghu ordnat il-konnessjoni taz-zewg kawzi bin-numri 229/14 u 283/15.

Rat in-nota tal-attur tad-9 ta' Marzu 2016 (fol 172) li permezz taghha pprezentat l-affidavit ta' Dorianne B.

Rat ix-xhieda tal-konvenuta waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-5 ta' Ottubru 2016 (fol 180 et seq).

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Ottubru 2016 li permezz tieghu ordnat li pendente lite, l-konvenuta jkollha access supervizjonat ghall-minuri kull nhar ta' Sibt bejn l-10am u 12pm fl-ufficcju tal-Agenzija Appogg, u appuntat l-Agenzija Appogg sabiex tipprepara rapport dwar dan il-kaz.

Rat in-Nota tal-Agenzija Appogg tat-23 ta' Marzu 2017 li permezz taghha rrakkomandat illi l-ewwel isir ir-rapport kif ordnat fid-digriet su-riferit u l-access tal-omm ghall-minuri jibda wara li s-sitwazzjoni tkun giet evalwata permezz tal-istess rapport.

Rat li b'sentenza taghha tat-30 ta' Novembru 2016 [283/2015RGM], laqghet it-talbiet ta' l-attur u ddikjarat illi l-minuri Michelle li twieldet fid-19 ta' Novembru 2014 ma hijiex il-bint naturali tal-attur, u ordnat il-korrezzjonijiet relattivi fl-att tat-twelid tal-istess minuri.

Rat in-nota ta' sottomissjoniiet finali tal-attur a fol 200 tal-process.

Rat l-atti, l-provi u d-dokumenti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**PROVI**

L-**attur** jixhed bil-mezz tal-affidavit a fol 23 u jghid inter alia illi hu beda johrog mal-konvenuta fis-sena 2006, hi kellha 26 sena u hu kellu 16-il sena. Wara ftit xhur skopra li D kienet mizzewga u kellha tifel minn ragel Malti iehor. Huwa jipprezenta l-atti tal-insinwa li juru li l-konvenuta gabet id-divorzju minn mar-ragel li kellha u dan id-divorzju gie rikonoxxut hawn Malta. Ftit xhur wara bdew joqghodu flimkien f'post mikri lilha minn terzi. Fil-25 ta' Settembru 2008, twieldilhom tifel Jay Jay B. Huwa rrikonoxxa mal-ewwel lit-tifel ghax kien jaf li tieghu. Fit-18 ta' Dicembru 2009, huma zzewgu u hu lanqas biss qal lill-genituri tieghu. Ftit wara hi telghet tara lil missierha l-Ukrajna ghaliex qaltlu li missierha kien hazin. Jghid li l-problemi bejniethom bdew ftit wara li zzewgu. La bdiet tnaddaf, la ssajjar u lanqas tiehu hsieb it-tifel kif suppost. Jghid li hu kien jghin lil missieru fis-showroom tal-karrozzi izda hi ma kinitx tahdem, kienet tkun fuq l-internet, torqod u tohrog u ddum barra. Jghid li mhux l-ewwel darba li hu kien jispicca wahdu jiehu hsieb lill-ewwel tifel taghha u spiss kien ukoll igib l-ikel minghand ommu biex ikollhom x'jieklu. Jghid li l-genituri tieghu sahansitra bdew irabbuh huma lil C ghaliex il-konvenuta ma kinitx tagixxi

ta' omm tajba mieghu, u hi qatt ma kienet toggezzjoni ghaliex kienet taf li ommu u missieru kellhom il-mezzi biex irabbuh bl-ahjar mod possibbi. Jghid li skont l-estratt minn gazzetta esebit mar-rikors guramentat tieghu, l-ewwel tifel taghha Neville sahansitra darba harab mid-dar u nstab minn persuni ohra. Huwa skopra li l-konvenuta kellha passat ikrah fejn sahansitra wehlet habs, u hi kienet qaltlu li qabel ma zzewget lill-ewwel ragel taghha kienet giet imkeccija minn Malta. Jghid li darba minnhom wasal id-dar kmieni u sabha fil-vann ma' ragel iehor. Jghid li spiccaw b'hafna glied izda hu kien jissaporti minhabba l-ewwel tifel taghha li kien jikkunsidrah bhala missieru. Jghid li l-affarijiet bdew immorru ghall-aghar minhabba d-dewmien taghha barra u minhabba l-fatt li kienet bdiet taghmel allegazzjonijiet fuqu per ezempju li kien isawwatha meta rrizulta li hi kienet imsiefra. Jghid li gieli spicca msakkar barra mid-dar u kellu jmur jorqod ghand ommu. Jghid li r-relazzjoni ma' ommu u missieru u t-tifel dejjem kienet mill-ahjar u dejjem issapportjawh. Jghid li minkejja l-problemi ta' bejniethom, ommu u missieru accettawha u kienet spiss tiekol ghandhom u hu kien jaghtiha dak kollu li tixtieq, sahansitra fis-sitt snin li damu flimkien kien ghaddilha madwar ghaxar karozzi li spiccaw *scrapped* ghaliex hi kienet tahbat bihom. Jghid li propjeta` in komuni ma kellhom xejn u kif spiccat ir-relazzjoni ta' bejniethom lanqas baqghet tmur id-dar ta' ommu biex tara lit-tifel tant li t-tifel beda jikkunsidra lil omm l-attur bhala ommu stess. Kien biss waqt il-medjazzjoni li hi regghet bdiet tara ftit lit-tifel li issa kellu hames snin. Jghid li bilkemm kienet tkellmu lit-tifel u darba minnhom sahansitra ma marritx. Maz-zmien lanqas baqghet tiltaqa` mat-tifel u ghalhekk kellha tinghalaq il-medjazzjoni u tinfetah il-kawza. Jghid li dak li qed jitlob hija s-separazzjoni fattwali sabiex ikun jista` jwettaq l-atti civili kollha minghajr il-kunsens tal-konvenuta. Jghid li hu, ommu u missieru qed jiehdu hsieb il-bzonnijiet kollha tat-tifel u ma jippretendiex manteniment ghalih. La jippretendi manteniment minghand il-konvenuta u lanqas lilu qatt ma saritlu talba f'dan is-sens.

Jghid li huwa jixtieq li r-responsabbilta` tas-separazzjoni tigi attribwita esklussivament lill-konvenuta; illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivamet f'idejh u kwalsiasi dritt ta' access ghandu jkun taht sorveljanza; rigward manteniment tal-minuri huwa lest li jibqa` jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tieghu; ma hemm ebda propjeta` in komuni izda fi kwalunkwe kaz kull parti ghandha tkun responsabbli ghad-dejn maghmul minnu jew minnha matul iz-zmien li ma baqghux jghixu flimkien.

Jghid li jaf li l-konvenuta ghandha relazzjoni ma' ragel iehor tant li meta darba cempel fuq in-numru taghha biex tiltaqa` mat-tifel, wegibha dan ir-ragel. Ghandu wkoll dubju tinsabx tqila minn persuna ohra.

Il-**konvenuta** tixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 151) u tghid inter alia illi hija bdiet ir-relazzjoni ma' A B fil-harifa tas-sena 2007 meta hi kienet tghix flimkien ma' binha ta' sena u nofs. Fis-sena 2008 twieled binhom C u sena wara zzewget lill-attur. Ftit qabel, kien miet missierha l-Ukrajna u hi marret ghal funeral u l-attur kien baqa` Malta mat-tfal. Meta giet lura binha l-kbir qalilha li l-attur ma kienx ha hsiebhom sew, ma kienx itihom jieklu, ma hasilhomx, kien jghajjat maghhom u sahansitra sakkarhom fil-gwardarobba. Meta affaccjatu, hu kien irrabja u sawwatha quddiem it-tfal. Kien heddidha li jekk taghmillu rapport kien se jhassrilha l-visa u li jehdilha t-tifel sabiex hi tigi deporatata lura pajjizha. Tghid li meta kienu jghixu flimkien hu qatt ma taha flus ghall-ikel, kien jidhol id-dar tard u fis-sakra u jitlaq mid-dar ghal gimghatejn jew aktar u jhalliha wahedha mat-tifel il-kbir u minghajr ikel jew flus. Kien ukoll jiehu lil binhom ghand ommu sabiex hu jkun jista` johrog ma' shabu. Ghalhekk, hi u binha l-kbir bdew jaraw lil C dejjem inqas. Kien jghidilha li se jgibilha lil C biex tarah ftit jekk toqghod bilghaqal u taghmel dak li jghidilha. Tghid li kien jitrattaha ta' skjava, ma kienx ihalliha tiltaqa` ma' shabha u ma ridiex tahdem. Kien jordnalhom li jibqghu id-dar sakemm hu kien ix-xoghol u ma kienux jistghu johorgu minghajr permess. Tghid li kien jheddidha li jkecciha lura lejn l-Ukrajna u li ma kinitx se tara lil uliedha izjed. Kien isawwatha regolarment quddiem it-tfal. Is-sitwazzjoni marret ghall-aghar u gie kkundannat ukoll sentejn sospizi talli aggredixxa pulizija. Hija saret taf bil-maghmudija ta' binhom mir-ritratti li sabet fuq il-laptop, fejn kien hemm il-familja u l-hbieb tal-attur izda hi ma kienet taf b'xejn. Meta pprotestat dwar dan l-attur u ommu kienu hedduha.  Tghid li wara li ddecidiet li tirraportah, giet sfurzata mill-attur u ommu sabiex tghid li tahfirlu ghaliex kienet ghadha tghix mieghu u kienet tibza. Hi skopriet li l-attur, sa mill-bidu taz-zwieg, kien qieghed jitkellem ma' mara ohra fuq l-internet. Meta ddecidiet li ttem ir-relazzjoni hu telaq mid-dar u ha lit-tifel mieghu. Minn dakinhar ghamlet xi sena ma ratux lit-tifel ghaliex hu kien jirrifjuta li jurihula. Tghid li waqt il-medjazzjoni meta regghet rat lit-tifel, hi skopriet li kienu qalulu li ommu mejta u li ma kienx se jaraha izjed u li kien jghajjat lil nanntu bhala ommu. Wara li rrifjutat li tiffirma l-kuntratt ghal kustodja esklussiva tieghu li fih ma setghetx traqqad lil binhom ghandha u ma setghetx tohodhom dawra bil-karozza, ma kienx rega` ha lil binhom ghall-access.  Titlob li jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li hi ghandha zewgt itfal ohra jghixu maghha, wiehed ta' disa` snin u ohra ta' erbatax-il xahar, filwaqt li l-attur qieghed jghix San Pawl ma' mara li gab mill-Ukrajna hafna zmien ilu, u binhom qieghed jghix man-nanniet gewwa l-Mosta.

Tixhed ukoll omm l-attur **Dorianne B** bil-mezz tal-affidavit (fol 173) u tghid inter alia illi l-attur beda johrog mal-konvenuta meta kellu biss 17-il sena u kien inqala` dizgwid bejniethom ghaliex mill-ewwel kellhom impressjoni hazina taghha. Tghid li ghalkemm ippruvaw jifthulu ghajnejh

xorta wahda ssapportjawh u meta twieled it-tifel hi u t-tfal taghha kienu kollha jhobbuh u jiehdu hsiebu tant li l-bniet bdew jikkunsidrawh bhala huhom. Tghid li lit-tifel dejjem rabbewh tajjeb u qatt ma naqsu xejn la mill-aspett finanzjarju u lanqas mill-aspett tal-imhabba. Huwa jghix maghhom u jmur skola l-Mosta. Tghid li l-konvenuta la qatt iccempel u la tibghat kartolina la fil-Milied u lanqas f'gheluq snin it-tifel. Tghid li ghalkemm hi qaltlu min hi ommu, ma tantx thobb issemmiha mieghu u bilkemm ghandu memorji taghha tant li jsemmi iktar lil huh Neville milli jsemmi lilha. Tghid li jkun ahjar li kieku t-trobbija tibqa` ghaddejja kif inhi minghajr problemi ghaliex jekk terga` tibda bl-access il-konvenuta imbaghad tieqaf hesrem, dan ikun ta' hsara ghat-tifel. Fi kwalunkwe kaz il-konvenuta tiltaqa` mat-tifel dan ghandu jkun taht supervizjoni. Tghid li darba kienet ghaddejja l-Belt u rat lill-konvenuta tmexxi pram ma' ragel iehor. Kien ghalhekk li marret tkellem lill-Avukat ghaliex din it-tarbija giet registrata fuq isem binha l-attur.

Waqt ix-xhieda in kontro-ezami taghha quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-5 ta' Ottubru 2016, il-konvenuta tixhed li ilha ma tara lit-tifel ghal madwar sentejn. Tghid li l-attur heddidha b'sikkina u qalilha li biex tara lil binha trid tmur ghand l-Avukat jew il-Pulizija. Tghid li kull ma trid huwa li tara lil binha. Tghid li hija tghix maz-zewgt itfal l-ohra taghha u ma' habiba taghha. Rigward l-incident li fih binha l-kbir instab barra tghid li kien zball, u li grat ghaliex l-attur kien hareg u halla l-bieb miftuh u t-tifel hareg barra u ssakkar, izda hi kienet gewwa d-dar rieqda ma' binhom.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

Jirrizulta pacifiku mill-atti tal-kawza u l-provi prodotti, illi l-partijiet ma ghandhom ebda propjeta` komuni x'jiddividu. Jirrizulta wkoll mill-atti illi ma ghandhomx pretensjonijiet ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin. Ghalkemm is-sitt talba tal-attur tikkoncerna retta alimentarja li l-konvenuta ghandha tigi ordnata thallsu ghal binhom minuri, kemm fix-xhieda tieghu, kif ukoll fis-sottomissjonijiet minnu mressqa, l-attur isostni illi ma huwiex qieghed jinsisti fuq din it-talba u huwa lest li jkompli jmantni hu wahda flimkien mal-familja tieghu lil ibnu minuri.

Jibqa` ghalhekk illi tigi attribwita l-htija tal-firda ta' bejn il-partijiet u jigu decizi l-aspetti tal-kura u l-kustodja u l-access tal-minuri binhom.

Ikkunsidrat:

PROVVEDIMENTI LEGALI APPLIKABBLI

Id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili l-iktar rilevanti ghall-kaz odjern huma s-segwenti:

Artikolu 40

*'Kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista' titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment.'*

Artikolu 44

*'Il-fatt li jkun hemm ragunijiet li ghalihom sew ir-ragel kemm il-mara jistghu jitolbu l-firda, mhux ta' xkiel ghall-wiehed jew ghall-ohra li jitolbu l-firda kontra xulxin.'*

Artikolu 48

*'(1) Il-parti, r-ragel jew il-mara, illi tkun il-hatja tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef-*

*(a) Il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*

*(b) Dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu;*

*(c) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

*(d) Il-jedd li iggiehel lill-parti l-ohra, f'kull kas, li taghtiha manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg.'*

Artikolu 51

*'Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti imsemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kas, ghandhom ighoddu, f'kollox jew bicca, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.'*

Artikolu 52

*'Hu mholli ukoll f'idejn il-qorti li tiddeciedi, skont ic-cirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 ghandhomx ighoddu, f'kollox jew f'bicca, ghar-ragel u ghall-mara, jew ghal wiehed jew ghall-ohra biss, inkella m'ghandhomx ighoddu ghal hadd minnhom, jekk il-wiehed u l-ohra jkunu htija tal-eghmil li jaghti lok ghall-firda.'*

GURISPRUDENZA

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Susan Armeni vs Leonard Armeni**, deciza fit-30 Ottubru 2015, fejn il-Qorti enuncjat:

*'25. Din il-Qorti tosserva li z-zwieg huwa intiz sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u ta' imhabba kemm lejn xulxin kif ukoll lejn it-tfal taghhom u l-konjugi ghandhom jagixxu fl-interess tal-familja li ghandha tkun l-ewwel prijorita` fiz-zwieg.*

*- omissis -*

*28. Il-hajja matrimonjali tezigi impenn kontinwu dirett lejn l-interessi tal-familja anke jekk dan ifisser li parti tirrinunzja temporanjament jew anke permanentament ghal xi haga li tkun thobb taghmel u dan b'mod partikolarment fejn fiz-zwieg jitwieldu t-tfal ghax f'dan il-kaz dak li hu ta' priorita` huwa l-obbligu taz-zewg genituri li jiehdu hsieb it-trobbija u l-benessere tat-tfal taghhom, almenu sakemm dawn isiru maggjorenni u indipendenti.'*

Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961, ntqal li:

*"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi".*

Dwar ingurji gravi jinghad illi *"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom"* (**Marthese Vella pro et noe vs. George Vella** – PA deciza 28 ta' Frar 2003).

Issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru 1951 fejn gie dikjarat illi:-

*"Mhux kull tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill-iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi.*

*Huma sevizzji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."*

Inghad ukoll fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili **Sylvana Stringer vs Jeremy Stringer** deciza fit-28 ta' Frar 2003:

*"Issa kif inhu pacifiku "perche il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale" - "Elisa Thompson -vs- Edward Thompson", Prim' Awla, Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Joanne mart Jesmond Tabone pro et noe vs Jesmond Tabone**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2003, inghad li:

*"... l-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb minnha" ("Genoveffa Magri –vs A Magri", Appell, 6 ta' Ottubru 2000);*

In tema ta' adulterju, fil-kawza fl-ismijiet **Rosina B vs Angelo B** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1964, intqal:

*"L-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indagni u presunzjonijiet, purche dawn jkun gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallux ebda dubbju f'min ghandu jiggudika."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmela Falzon vs Paolo Falzon** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' April 1959 gie ritenut li l-applikazzjoni ta' dawk id-dekadenzi tal-konjugi mid-drittijiet taghhom kontra xulxin bhala effett tal-pronuncja ta' separazzjoni bejniethom, in toto jew in parti, hi fakoltattiva ghall-Qorti, jekk id-domanda ghas-separazzjoni tkun radikata fuq il-mottiv ta' eccessi, sevizji, minacci u ingurji gravi. Jiddependi ghalhekk mid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tapplikax jew le dawk id-dekadenzi fil-kaz partikolari.

In materja ta' access ghall-minuri, issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Dicembru 2005 fl-ismijiet **Isabelle Muscat pro et noe vs James Muscat**, fejn il-Qorti sahqet:

*"[il-Qorti] thoss li huwa fl-ahjar interess ta' l-istess minuri, li jkollhom access adegwat kemm ghall-omm u kemm ghall-missier. Dan il-principju ma japplikax biss meta l-missier jew l-omm jagixxu b'mod abbusiv fil-konfront tal-minuri."*

F'sentenza ohra datata 5 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet **Marion Meli vs Emanuel Meli** l-Qorti ta' l-Appell, b'referenza ghal gurisprudenza ulterjuri in materja sahqet:

*"...din il-Qorti thoss li taqbel mal-ewwel Qorti li dan hu wiehed minn dawk il-kazi fejn il-kuntatt bejn l-ulied u l-genituri aktar jaghmel hsara milli gid.*

*Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet John Cutajar v. Amelia Cutajar (28 ta' Jannar 1956) l-istess Qorti qalet; "apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti 'in subiecta materia' li jiddetermina normalment il-kwistjonijiet bhal dawn in xorta ta' din il-kawza huwa dak tal-aktar utitlita` u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u de facto li jkunu irrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut".*

Dan il-hsieb li huwa fuq kollox rifless fl-Artikolu 149 tal-Kodici Civili li jghid li l-Qorti ghandha dejjem tiddeciedi fl-ahjar interess tal-minuri. Dak li jiddetta kwalsiasi decizjoni li jikkoncernahom ghandu jkun l-aqwa interess taghhom, tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.

F'sentenza fl-ismijiet **Francienne Fenech vs Alexander Fenech**, deciza fid-29 April 2016, il-Qorti ta' l-Appell qalet hekk:

*"40. In tema legali, issir referenza ghal dak riportat fis-sentenza tal-Qorti tal-Familja fil-kawza numru 277/2012 A B v. C D, deciza fit-30 ta' April 2015, fejn il-pozizzjoni legali korretta u stabbilita fil-gurisprudenza f'kazijiet ta' determinazzjoni ta' kura u kustodja tal-minuri u modalita` ta' access favur il-minuri giet deskritta bil-mod segwenti;*

*"In tema legali issir referenza ghas-sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Miriam Cauchi vs Francis Gauci fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi fejn il-genituri ma jitkellmux talba ghall-kustodja kongunta ghandha tigi skartata mill-Qorti. Din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja m'ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta'*

*litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri. Fis-sentenza appena citata l-Qorti tal-Appell iddikjarat hekk:-*

*'Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli.'*

*"Fis-sentenza Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014, il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap. 16 li jaghti l-poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.*

*"Fl-ahharnett issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 fl-ismijiet Mario Darmanin vs Annalise Cassar,*

*' ……..meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-merti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss dwar x'inhu l-ahjar interess tal-minuri. (vide per ezempju Magro v. Bonnett 11 ta' Dicembru 2003 u Portelli v. Portelli, 25 ta' Gunju 2003 – Prim' Awla).*

*'Dwar jekk kura u kustodja kongunta f'kazi bhal dawn hijiex l-ahjar soluzzjoni, din il-Qorti taqbel ma' sensiela ta' sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ahhar snin u cioe' kif qalet din il-Qorti illi: "Il-Qorti qed tiskarta t-talba ghal kustodja kongunta ghaliex bhala sistema m'hijiex prattikabbli meta l-genituri ma jiftehmux bejniethom." (Miriam Cauchi v. Francis Cauchi – Qorti tal-Appell, 3 ta' Ottubru 2008). Li wiehed jghid li f'din il-kawza l-partijiet mhux jiftehemu huwa "understatement". Il-Qorti tara li jekk tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti f'dan l-aspett tkun qed taghti lok ghal hafna disgwid li ma jfisser xejn ghajr hsara lill-minuri, specjalment jekk kif jista' jigri fil-hajja ta' kull bniedem ikun hemm bzonn ta' decizjonijiet mghaggla u urgenti f'dan ir-rigward. Certament ghalhekk tali sitwazzjoni ma hija prattikabbli xejn fil-kaz in ezami.'*

*…. Kif fuq spjegat, id-decizjoni tal-Qorti f'din il-materja tmur lil hinn minn jekk parti hijiex kapaci jew affidabbli. I<u>l-Qorti trid tiehu kont ta' x'inhu fl-interess suprem tal-minuri mil-lat l-aktar ampju tieghu, inkluz is-sahha fizika u psikologika taghhom, kif ukoll il-mod kif ukoll l-animu li jaraw li l-</u>*

*genituri ghandhom fil-konfront ta' xulxin. Zieda fil-konflitti bejn il-genituri minhabba it-tfal zgur illi ma hux ser jghin lil dawn iz-zewg minuri jghixu ahjar f'din is-sitwazzjoni familjari li diga` ma hi xejn felici ghalihom*"[sottolinear tal-Qorti]

Din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tapplika l-principji su-citati ghall-fattispecie tal-kaz odjern.

Ikkunsidrat:

**Responsabbilta` ghat-Tifrik taz-Zwieg**

Fil-kawza odjerna, l-attur jattribwixxi l-htija tat-tifrik taz-zwieg ta' bejniethom lill-adulterju, ingurji gravi, sevizzi u eccessi tal-konvenuta fil-konfront tieghu u ta' binhom minuri. Jirrelata kif il-konvenuta ma kinitx taqdi dmirijietha ta' mara mizzewga u omm, tittraskura fl-affarijiet tad-dar u t-trobbija ta' uliedha, tivvinta qlajja ta' vjolenza fuqu u tittrattjeni hbiberiji ma' rgiel ohra. Jesebixxi wkoll artiklu ta' gazzetta li jirrakkonta kif meta iben il-kbir tal-konvenuta kellu tliet snin, instab jigri barra wahdu u mahmug. Da parti taghha, il-konvenuta, tattribwixxi l-htija tat-tifrik taz-zwieg lill-attur. L-attrici tixhed kif kienet tigi maltrattata mill-attur, imsawwatha, mheddha u trattata ta' skjava. Sahansitra tghid li l-attur u l-familja tieghu hadu lit-tifel sabiex jitghammed minghajr ma qalulha xejn. Tesebixxi wkoll rapporti u ritratti in sostenn tal-allegazzjonijiet taghha ta' vjolenza fizika.

Wara li qieset bir-reqqa l-provi kollha in rigward, u b'applikazzjoni tal-gurisprudenza su-citata, din il-Qorti hija tal-fehma illi z-zewg partijiet jahtu ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejniethom. L-attur bl-immaturita` affettiva u l-vjolenza fizika tieghu versu l-konvenuta kif jixhdu id-diversi rapporti lill-pulizija u certifikati medici, u l-konvenuta bin-nuqqasijiet taghha bhala mara mizzewga u omm, kif ukoll bl-adulterju taghha, li ghalkemm ma kienx il-kawza principali tat-tmiem taz-zwieg, gie ppruvat bit-twelid tat-tifla taghha minn ragel iehor, irrendew ruhhom hatja ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' xulxin bil-konsegwenza illi l-konvivenza matrimonjali ta' bejniethom saret impossibbli. Jirrizulta illi meta l-konvenuta ikkommettiet l-adulterju il-partijiet kienu gia' separati de facto u li z-zwieg taghhom kien tkisser irrimedjabbilment. Naturalment dan ma jnaqqas xejn mill-gravita' u mill-konsegwenzi legali fil-konfront ta' konjugi li jkun ikkommetta l-adulterju.

Permezz tat-tielet talba tieghu, l-attur jitlob lil din il-Qorti tapplika kontra l-konvenuta is-sanzjonijiet kollha jew in parte kontemplati fl-Artiklu 48 sa l-

Artiklu 53 tal-Kap 16. L-Artikolu 48 jistipula illi min mill-konjugi jinstab hati ta' adulterju huma applikabbli fil-konfront tieghu is-sanzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu. Ghal ragunijiet li ma humiex l-adulterju jew l-abbandun, hu mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk jigux applikati (Artikoli 51 u 52 tal-Kap 16).

Tenut kont l-adulterju kommess mill-konvenuta, l-Qorti qed tapplika fil-konfront tal-konvenuta is-sanzjonijiet stipulati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16. Peress illi l-konvenuta ma resqitx talbiet rikonvenzjonali fil-konfront tal-attur, il-Qorti mhux qed tippronunzja ruhha dwar jekk tali sanzjonijiet ghandhomx jigu applikati wkoll fil-konfront tal-attur.

**<u>Kura u Kustodja</u>**

Jirrizulta inkontestat illi l-minuri, li llum ghandu disa` snin, ilu ghal bosta snin fil-kura u l-kustodja fattwali ta' missieru l-attur, bl-ghajnuna tal-familja paterna. Skont ir-Rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea, it-tifel ma jonqsu xejn, la mill-aspett ta' mhabba u lanqas mill-aspett materjali. Hija ssib inkwetanti illi l-minuri jghajjat "mama`" lil nanntu paterna, in kwantu din ilha tiehu hsiebu minn mindu kien zghir hafna, mentri lil ommu bilkemm jiftakarha u ilu numru ta' snin ma jaraha.

Ferm il-premess, din il-Qorti thoss li ma jkunx fl-interess tat-tifel li jigi zradikat minn dak li ilu ghal hafna snin l-ambjent familjari tieghu. Fl-isfond ta' dan kollu, u fid-dawl tal-fatt li l-konvenuta ma urietx interess u ma hadet ebda inizzjattiva partikolari sabiex tibda tara lil binha u tibni relazzjoni profonda u mhux superficjali mieghu, din il-Qorti hi tal-fehma ferma li l-interess suprem tal-minuri jiddetta illi fic-cirkostanzi attwali jigi fdat fil-kura u l-kustodja esklussiva ta' missieru l-attur. Il-Qorti hi tal-fehma illi decizjonijiet kollha, inkluz dwar is-sahha, edukazzjoni u safar tal-minuri ghandhom jittiehdu esklussivament mill-attur qua "custodial parent". Dan jinghad anke ghaliex diversi drabi jigri illi dwar dawn il-materji jkun mehtieg li jittiehdu decizjonijiet fi zmien qasir u ma jkunx fl-interess tal-minuri illi tali decizjonijiet jigu mtawla konsegwenza tal-fatt li ma jkunx hemm qbil jew sahansitra lanqas djalogu bejn il-genituri.

**<u>Access</u>**

In tema legali, ssir referenza ghas-sentenza recenti ta' din il-Qorti deciza nhar is-27 ta' April 2017 fl-ismijiet **Gretel Gatt vs Keith Falzon**, fejn il-Qorti ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet applikabbli wkoll ghall-kaz odjern:

*"Il-Qorti qieghdha tilqa` tali sottomissjoni u tirrileva illi ghalkemm in linea generali huwa fl-ahjar interess ta' kull tifel jew tifla illi jqattghu zmien kemm ma' missierhom u kemm ma' ommhom, jezistu wkoll ragunijiet serji bhal kaz odjern, fejn allura l-aqwa interess tal-minuri jkun jiddetta xort'ohra.*

*...omissis...*

*Il-Qorti ghalhekk sejra tirriserva lill-konvenut id-dritt ta' access favur il-minuri sabiex jekk jasal il-mument li huwa jigi skarcerat, jkun hieles minn kwalsiasi rabta mal-vizzju tad-droga u jhossu lest li jibda jiltaqa' mat-tifel b'mod regolari, isiru l-arrangamenti necessarji sabiex dan isehh minghajr ma ssir hsara lill-minuri li jkun ilu maqtugh minn ma' missieru ghal hafna zmien. Ghalhekk il-Qorti qed tirrizerva d-dritt lill-konvenut illi f'kaz li fil-futur huwa jiddeciedi li jibda jezercita access ghall-minuri ghandu qabel xejn jaghmel talba lill-Qorti f'dan is-sens."*

Bl-istess mod, fil-kaz odjern, in vista tal-assenza tal-omm minn hajjet it-tifel ghal dawn l-ahhar snin, kif ukoll in vista tal-fatt illi jidher mill-komportament taghha illi hija ghadha mhux lesta illi b'impenn, pacenzja u responsabbilta` tibda relazzjoni mill-gdid ma' binha, din il-Qorti sejra tirrizerva d-dritt ta' access favur il-konvenuta. Sabiex waslet ghal din id-decizjoni l-Qorti hadet konjizzjoni tad-diversi digrieti taghha dwar access pendente lite, u tal-ezitu tal-istess digrieti. Hadet in konsiderazzjoni wkoll id-diffikultajiet imqajjma mill-Agenzija Appogg fin-nota taghha tat-23 ta' Marzu 2017, kif ukoll l-atteggjament tal-konvenuta u l-fatt li halliet tant snin jghaddu minghajr telefonata, kartolina jew inizjattiva sabiex tara u titkellem ma' binha. Il-Qorti qieset ukoll li l-minuri jinsab f'eta` tenera u delikata, fejn qieghed jifforma l-karattru tieghu, u li dan it-tifel diga` ghadda minn diversi kambjamenti f'hajtu. Huwa ghalhekk importanti li l-konvenuta tifhem illi trid tkun lesta taghmel dak li hemm bzonn, anke sagrificcji, sabiex hija terga` tibni relazzjoni sana ma' binha minuri.

Maghdud dan, f'kaz li fil-futur, hija thossha lesta u tiddeciedi illi tibda tezercita b'impenn u b'regolarita` access ghall-minuri, hija ghandha qabel xejn tadixxi lil din il-Qorti u titlob li jinghataw dawk il-provvedimenti necessarji sabiex l-access jibda jsehh minghajr ma ssir hsara lill-istess minuri. Dan necessarjament ikun jirrikjedi l-impenn u l-involviment tal-attur dejjem sabiex jinstab x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri fic-cirkostanzi li jkunu jissussistu dak iz-zmien.

**Manteniment**

In vista tas-sottomissjonijiet tal-attur in rigward, din il-Qorti ma hijiex ser tiffissa manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenuta lill-attur rigward it-tifel minuri, izda qeghdha tirrizerva d-drittijiet tal-attur in rigward, sabiex jekk u meta c-cirkostanzi jinbidlu, huwa jkun jista` jadixxi lil din il-Qorti b'talba f'dan is-sens.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li qed tilqa’ u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta konformement ma’ dak hawn deciz;

1. Tilqa` in parte l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet, u tiddikjara illi ghat-tkissir taz-zwieg kienu jahtu z-zewg partijiet.

2. Tilqa` t-tieni talba u tiddikjara illi l-konvenuta ma ghandha ebda dritt ta' manteniment minghand l-attur.

3. Tilqa` t-tielet talba u tapplika fil-konfront tal-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati mill-Artikolu 48 sa 53 tal-Kodici Civili.

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dwar it-talba ghal-likwidazzjoni tal-istess tiddikjara illi ma hemmx assi tal-komunjoni x’jigu likwidati u divizi.

5. Tilqa` l-hames talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri C esklussivament f'idejn l-attur missieru b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja jittiehdu esklussivament mill-missier wahdu, u tastjeni milli tiffissa granet u hinijiet ghall-access tal-konvenuta f'dan l-istadju, filwaqt li jibqa’ rizervat id-dritt tal-konvenuta kif fuq spjegat.

6. Tichad f’dan l-istadju s-sitt talba attrici b’dan pero’ li qed jibqa’ rizervat id-dritt lill-attur u lill-iben sabiex f’kaz li c-cirkostanzi jinbidlu jadixxu lill-Qorti fir-rigward.

In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**